

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Correos y Telégrafos S.A.

Konvenut: Ayuntamiento de Vila Seca

### **Domanda preliminari**

L-Artikoli 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u 7 tad-Direttiva 2008/6/KE<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Frar 2008, li temenda d-Direttiva 97/67/KE<sup>(2)</sup> dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, bħala mezz sabiex tiffinanzja s-servizz postali universali, l-eżenzjoni mit-taxxi marbuta ma' dan is-servizz?

<sup>(1)</sup> ĠU L 52, p. 3

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71

Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fl-24 ta' Ġunju 2015 – Delta Air Lines Inc. vs Daniel Dam Hansen, Mille Doktor, Carsten Jensen, Mogens Jensen, Dorthe Fabricius, Jens Ejner Rasmussen, Christian Bøje Pedersen, Andreas Fabricius, Mads Wedel Rasmussen, Nicklas Wedel Rasmussen, Thomas Lindstrøm Jensen, Marianne Thestrup Jensen, Erik Lindstrøm Jensen, Jakob Lindstrøm Jensen, Liva Doktor, Peter Lindstrøm Jensen

(Kawża C-305/15)

(2015/C 294/46)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

### **Qorti tar-rinviju**

Østre Landsret (id-Danimarka)

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Delta Air Lines Inc.

Konvenuti: Daniel Dam Hansen, Mille Doktor, Carsten Jensen, Mogens Jensen, Dorthe Fabricius, Jens Ejner Rasmussen, Christian Bøje Pedersen, Andreas Fabricius, Mads Wedel Rasmussen, Nicklas Wedel Rasmussen, Thomas Lindstrøm Jensen, Marianne Thestrup Jensen, Erik Lindstrøm Jensen, Jakob Lindstrøm Jensen, Liva Doktor, Peter Lindstrøm Jensen

### **Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, bis-saħħa tal-imsemmi regolament, passiġġieri ta' ajruport jistgħu jkollhom dritt għal diversi kumpensi għall-istess riżervazzjoni meta t-titjira li fuqha t-trasportatur ikun ittraferixxihom tiġi kkanċellata jew imdewma għal iktar minn tliet sīgħat, b'mod li l-kumpens previst mill-Artikolu 7 tiegħu ma huwiex fiss iżda jiddepPENDI min-numru ta' kanċellazzjonijiet jew mill-ambitu tal-kanċellazzjonijiet u għaldaqstant mid-dewmien?

- 2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, kif din tiġi rrikonċiljata mal-prinċipju stabbilit mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon et, C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, li jipprovdli li l-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li l-passiġġieri ta' titjuriet imdewma jistgħu jiġu trtrattati bħala passiġġieri ta' titjuriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens meta, fir-rigward ta' dan id-dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson et, C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, ikkonstatat li t-tul ta' dewmien lil hinn minn tliet sīġħat ma jitteħid inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-kumpens fiss?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każi li ma jitħallew x-jitilgu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjuriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 7, Vol. 8, p. 10).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-25 ta' ġunju 2015 –  
Vincent Deroo-Blanquart vs Sony Europe Limited, aventi kawża ta' Sony France SA**

**(Kawża C-310/15)**

(2015/C 294/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Vincent Deroo-Blanquart

Konvenuta: Sony Europe Limited, aventi kawża ta' Sony France SA

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern<sup>(1)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali qarrieqa, l-offerta konġunta li tikkonsisti fil-bejgħ ta' kompjuter mgħammar b'programmi installati minn qabel, meta l-manifattur tal-kompjuter ikun ippovda, permezz tan-negożjant tiegħu, informazzjoni fuq kull programm installat minn qabel, iżda ma jkunx spċċika l-prezz ta' kull wieħed minn dawn l-elementi?
- 2) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali, l-offerta konġunta li tikkonsisti fil-bejgħ ta' kompjuter mgħammar b'programmi installati minn qabel, meta l-manifattur ma jħalli l-ebda għażla oħra lill-konsumatur għajnej li jaċċetta dawn il-programmi jew li jirrevoka l-bejgħ?
- 3) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali, l-offerta konġunta li tikkonsisti fil-bejgħ ta' kompjuter mgħammar b'programmi installati minn qabel meta l-konsumatur ma jkunx jista' jikseb mingħand l-istess manifattur kompjuter li ma jkunx mgħammar b'programmi?

<sup>(1)</sup> ĠU L 149, p. 22.